19 ta' Ottubru, 1954.

Imħallef:

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

Giovanni Mifsud *versus* Giuseppe Pullicino

## Preskrizzjoni — Oġġetti Inikonsumabbli — Art. 2261 (?) tal-Kodiċi Ċivili.

*Il-preskrizzjoni kwinkwennali msemmija fl-art. 2261 tal-Kodiċi Ċivili tapplika għal żewġ ordni ta' krediti: dak tal-prestazzjonijiet aċċessorji kollha, u l-ieħor tal-prestazzjonijiet prinċipali f'ċerti każi.*

*Il-prestazzjonijiet aċċessorji huma l-annwalità ta' ċnus, ta' renti perpetwi jew ta' vitalizji, ta' imgħaxijiet ta' ċnus bollati li tnisslu qabel l-14 ta' Awissu 1862, il-pensjoni għall-manteniment, il-kera ta' bini jew ta' raba', l-imgħaxijiet ta' somom dovuti għal self jew għal xi raġuni oħra, u ġeneralment dak kollu li hu pagabbli bis-sena jew b'termini perijodiċi iżjed qosra.*

*Il-prestazzjonijiet prinċipali huma r-restituzzjoni ta' flus mogħtija b'self, meta l-kreditu ma jirriżultax minn att publiku, u l-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej sew minn operazzjonijiet kummerċjali, sew minn kawżi oħra, barra minn meta jkun jittratta minn l-kreditu milqut minn preskrizzjoni oħra iżjed qasira, jew meta l-kreditu jirriżulta minn att publiku.*

*Dan juri li dik id-dispożizzjoni tirriferixxi, bħala regola, għal krediti li jkollhom bħala oġġett flus. Jiġifieri, il-prestazzjonijiet aċċessorji jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, u l-prestazzjonijiet prinċipali jirrigwardaw oġġett li jkun jew flus jew ħaġa fungibili, bħal ma huma l-flus.*

*Għaldaqstant l-azzjoni għall-konsenja ta' oġġetti li ma humiex flus u lanqas oġġetti fungibili (bħal ma kienu, fil-każ preżenti, senter tal-kaċċa, makinetti ta' l-iskrataċ, karettun u rivoltella), ma hix soġġetta għal din il-preskrizzjoni kwinkwennali.*

Il-Qorti. — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li jippremetti illi l-konvenut qiegħed jirrifjuta li jirrestitwilu senter tal-kaċċa numru 15306, żewġ makinetti ta' l-iskrataċ, karettun tal-mohor bl-arness komplut għaż-żiemel, u rivoltella, li jinsabu f'idejh a titolu biss ta' prekarju; jitlob illi, premessa kull dikjarazzjoni meħtieġa u wara li jingħataw il-

provvedimenti kollha li jkun hemm bżonn, il-konvenut jiġi kundannat jirrestitwilu l-imsemmija senter tal-kaċċa, żewġ makinetti ta' l-iskrataċ, karrettun tal-molol bl-arness komplut għal żiemel, u rivolvella, u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissalu dina l-Qorti, u fil-każ li dan iż-żmien jgħaddi inutilment, l-istess konvenut jiġi kundannat ħallsu somma li tiġi likwidata f'dan il-ġudizzju jew f'ieħor separat, u korrispondenti għall-valur ta' l-imsemmijin oġġetti restitwendi. Bl-ispejjeż tal-ġudizzju. Il-konvenut ġie ingunt għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mill-oġġetti msemmijin fiċ-ċitazzjoni, li tagħhom l-attur qiegħed jitlob ir-restituzzjoni minn għand il-konvenut, dan igħid li ħa biss, xi tnax-il sena ilu, is-senter tal-kaċċa u l-karrettun tal-molol, mingħajr l-arness, li kien taħomlu l-attur bħala kumpens ta' kreditu li kellu kontra tiegħu. Il-konvenut, għat-talba ta' l-attur rigward ir-restituzzjoni ta' dawn iż-żewġ oġġetti, jopponi l-preskrizzjoni ta' ħames snin, jew ta' kwalunkwe waħda oħra iqsar applikabili skond il-liġi. Bin-nota tiegħu tal-21 ta' Ġunju 1954, il-konvenut irrestrinġa din il-preskrizzjoni għal dik biss ta' ħames snin kontemplata mill-art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat, dwar din il-preskrizzjoni opposta mill-konvenut;

Illi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, din il-preskrizzjoni mhix applikabili għall-azzjoni eżerċitata mill-attur. Il-preskrizzjoni kwinkwennali msemmija fl-art. 2261 tal-Kodiċi Ċivili tapplika għal żewġ ordni ta' krediti: dak tal-prestazzjonijiet aċċessorji kollha, u l-ieħor tal-prestazzjonijiet prinċipali f'ċerti każi. Il-prestazzjonijiet aċċessorji suġġetti għall-preskrizzjoni kwinkwennali huma l-annwalità ta' ċnus, ta' renti perpetwi jew ta' vitalizji, ta' imgħaxijiet ta' ċnus bollali li nisslu qabel l-14 ta' Awissu 1862, il-pensjoni għal manteniment, il-kera ta' bini jew ta' raba', l-imgħaxijiet ta' somom dovuti għal self jew għal raġuni oħra, u ġeneralment dak kollu li hu pagabbli bis-sena jew b'termini perijodiċi iżjed qasar. Il-preskrizzjoni kwinkwennali tapplika għall-prestazzjonijiet prinċi-

pali f'dawn il-każi: għar-restituzzjoni ta' flus mogħtija b'self, meta l-kreditu ma jirriżultax minn att pubbliku, u għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej sew minn operazzjonijiet kummerċjali sew minn ħwejjeġ oħra, barra minn meta jkun jittratta minn każ milqut minn preskrizzjoni oħra iżjed qasira, jew meta l-kreditu jirriżulta minn att publiku;

Illi minn dan li ngħal jidher illi l-krediti msemmija fid-dispożizzjoni tal-liġi 'l fuq indikata jirrigwardaw bħala regola dawk li jkollhom bħala oġġett flus; jigifieri, dawk tal-prestazzjonijiet aċċessorji jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet prinċipali jirrigwardaw oġġett li jkun jew flus jew ħaġa fungibili, bħal ma huma l-flus. Dan jidher mil-lokuzzjoni tad-dispożizzjoni fuq imsemmija, fejn, anki fil-parti tagħha ċitata mill-konvenut jingħad, skond it-test Malti, "għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor", u fit-test Ingliż "for the payment of any other debt". "Kull kreditu ieħor" hemm imsemmi ma għandux jiftiehem illi jista' jkun kwalunkwe kreditu, ikun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispożizzjoni u li jkollu l-istess natura bħal flus, bħal meta jkun jittratta, biex jingħata eżempju, minn krediti li ġej minn self ta' ħaġa fungibili li ma tkunx flus. Is-self ta' flus jifforma oġġett ta' l-ewwel applikazzjoni in ispeċje; imma meta s-self ikollu bħala oġġett ħwejjeġ oħra fungibili, jidħol fit-tieni applikazzjoni ġenerali. Issa, l-oġġetti msemmijin aktar 'il fuq mhumiex flus, u lanqas huma ta' natura fungibili;

Ikkunsidrat, fil-meritu;

Illi rigward is-senter.............. Għalhekk l-istess oġġetti għandhom jiġu ritornati illi huma ta' l-attur; salv lill-konvenut kull dritt li jaġixxi kontra l-attur għal dak li huwa jallega illi għandu jieħu minn għandu;

Illi rigward l-arness taż-żiemel, ma jirriżultax b'mod soddisfaċenti illi l-konvenut għandu jirrispondi għalih.........;

Illi rigward ir-rivoltella, il-konvenut xehed...........;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi, wara illi tirrespingi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kwinkwennali sollevata mill-konvenut, bl-spejjeż kontra tiegħu, tilqa' t-talba ta' l-attur limitatament għas-sen-

ter tal-kaċċa numru 15306 u l-karrettun tal-molol, mingħajr arness taż-żiemel, u tirre-pinġiha għall-kumplament ta' l-oġġetti l-oħra. Għall-finijiet tar-restituzzjoni lill-attur ta' l-imsemmijin żewġ oġġetti, tipprefiġġi lill-konvenut iż-żmien ta' 15-il ġurnata; u f'każ li dan iż-żmien jgħaddi inutilment, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur somma korrispondenti għall-valur ta' l-imsemmija żewġ oġġetti, li tiġi likwidata f'ġudizzju separat. L-ispejjeż jitħallsu in kwantu għal tliet ottavi mill-attur, u in kwantu għal ħames ottavi mill-konvenut, li lilu tibqa' riżervata, "si et quatenus", l-azzjoni iżjed 'il fuq imsemmija kontra l-attur.